

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/748

tal-14 ta' Diċembru 2016

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tal-massa tal-vetturi kummerċjali ħief ġodda rreġistrati fl-2013, fl-2014 u fl-2015**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistab-bilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi ħief (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-valur tal-massa medja użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO<sub>2</sub> għal kull vettura kummerċjali ħafha ġdid, irid jiġi aġġustat kull tliet snin biex tittieħed inkunsiderazzjoni kull bidla fil-massa medja tal-vetturi l-ġodda rreġistrati fl-Unjoni.
- (2) Mill-monitoraġġ tal-massa fi stat operativ tal-vetturi kummerċjali ħief ġodda rreġistrati fis-snin kalendarji 2013, 2014 u 2015 huwa evidenti li l-massa medja żidied u li c-ċifra M<sub>0</sub> imsemmija fil-punt 1(b) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 għandha għalhekk tiġi aġġustata.
- (3) Il-valur il-ġdid għandu jiġi ddeterminat billi jitqiesu biss dawk il-valuri li l-manifatturi tal-vetturi kkonċernati setgħu jivverifikaw, filwaqt li jiġu esklużi mill-kalkolu l-valuri li kienu manifestament żbaljati, jiġifieri valuri ta' anqas minn 500 kg, kif ukoll il-valuri li jarrelataw mal-vetturi li kienu jaqgħu 1 barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, inklużi vetturi b'massa ta' referenza li ma taqbix l-2 840 kg. Barra minn hekk, il-valur il-ġdid huwa bbażat fuq il-medja ponderata billi jitqies l-għadd ta' reġistrazzjoni ġodda f'kull sena ta' referenza.
- (4) F'dan l-isfond, il-valur ta' M<sub>0</sub> li jrid jiġi applikat mill-2018 għandu jiżdied b'60,4 kg minn 1 706,0 sa 1 766,4,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-Punt 1(b) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Mill-2018:

L-emissjoni speċifika ta' CO<sub>2</sub> = 175 + a × (M – M<sub>0</sub>)

Fejn:

M = il-massa tal-vettura fkilogrammi (kg)

M<sub>0</sub> = 1 766,4

a = 0,093;”.

<sup>(¹)</sup> ĠUL 145, 31.5.2011, p. 1.

---

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---